MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 1038/1997/1

Vincent Gatt
vs
CGMO, Dipartiment tas-Sahha

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ l-1989 ir-rikorrent sofra ingustizzja f’li gie ostakolat milli jsegwi course.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent applika ghall-Conversion Course ghal SRN li hargu fl-20 ta’ Frar 1989. Hu applika ghax hass li kellu l-kwalifiki bizzejjed skond it-talbiet tal-course precedenti.

Madankollu, ir-rikorrent ma ntghazilx peress li b’mod stramb gew introdotti suggetti li m’humiex rekwiziti

normalment ghall-courses tan-nurses, bhal Botany, Handicraft u Domestic Science. Minn naha l-ohra Human Biology thalla barra.

Ir-rikorrent hass li dawn is-suggetti gew imfassla biex ixekkluh personalment. Konsegwentament fl-1996, ir-rekwiziti ghall-course kienu gew mibdula darbtejn minhabba l-protesti li kienu saru.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi fl-ewwel course simili li jsir, jinghata opportunita` gusta sabiex jintghazel jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi Vincent Gatt applika in forza tac-cirkolari DH12/89 liema cirkulari kienet tispecifika l-kwalifiki li kellu jkollhom applikanti interessati. Tali kwalifiki kienu japplikaw indiskriminatament u ghalhekk l-allegazzjonijiet vantati mir-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant l-intimat in vista tal-premess talab lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li dahal l-isptar fl-1986 bhala pupil nurse u f’Dicembru 1988 sar enrolled nurse. Qal li xoghlu dejjem ghamlu sew u b’vokazzjoni u qatt ma kellu rapporti hziena. Semma li hu qatt ma kien jitkellem fuq politika fuq ix-xoghol izda qal li l-kulur politiku tieghu kien maghruf. Qal li wara ftit xhur mill-M3 gie trasferit ghas-CTS. Semma li fl-1989 kienet harget sejha ghall-applikazzjoni ghal State Registered Nurse. Spjega li r-rekwizit f’din is-sejha kien differenti mis-soltu; minflok il-bijologija umana dahhlu suggetti bhal botanja tal-pjanti u handkraft. Hu qal li dan kien sar biex jigi akkomodati certu persuni tant hu hekk li llum bi ftehim mal-unions ir-rekwiziti gew mibdula u saru ragonevoli. Ilmenta li ma kienx ha dan il-grad ta’ SRN u gie mcahhad milli jkompli javvanza fil-karriera tieghu.

Xehed Frank Attard Senior Principal fir-Rizorsi Umani fid-Dipartiment tas-Sahha. Qal li l-kors li kien isir kien minn Enrolled Nurse ghal SRN jigifieri Staff Nurse. Esebixxa zewg applikazzjonijiet li esebihom a fol 21 u 22. Qal li dawn kienu hargu in segwitu ta’ Legal Notice 55 tal-1986 li giet esebita a fol 23.

Xehed Publius Abdilla Manager Nursing Services fl-isptar San Luqa. Qal li r-rikorrent kien jafu pero’ qatt ma kien ezaminatur tieghu f’xi ezami u n-nurses kollha fl-isptar fosthom Vincent Gatt kienu jaqghu tahtu. Qal li qatt ma kellu rapport dirett mar-rikorrent, izda hu jafu bhala bniedem efficjenti u qatt ma kellu rapporti hziena fuqu. Qal li fil-fatt wara li ghamel il-kors ir-rikorrent gie promoss ghal State Registered Nurse.

Xehed Charles Borg li qal biex minn enrolled nurse jilhqu staff nurse, kien necessarju li jsir kors ta’ sentejn u mbaghad wara jsir l-ezami finali wara sejha ghall-applikazzjoni. Qal li wara s-sejha kienu applikaw numru ta’ nies li gew maqsumin fi grupp ta’ 25 il-persuna. Ra d-

dokumenti a fol 21 u 22 tal-process u qal li dawn kienu applikabbli ghal persuni ‘il fuq minn 17-il sena imma anqas min 35 sena u mhux is-snin ta’ servizz. Qal li ma jafx ghaliex dawk is-suggetti kienu hemm fl-1988 u fl-1989 u in segwitu tbiddlu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Ikkunsidra li t-talba tar-rikorrent tirrigwarda Conversion Course ghal SRN tal-20 ta’ Frar, 1989 fejn ir-rikorrent ma ntghazilx ghal course minhabba li ma kellux il-kwalifiki ghal dak il-course izda kellu ghal dak li sar precedentement. Ir-rikorrent ilmenta li gew introdotti suggetti li mhux rekwiziti normali ghal dak il-course bhal Botany, Handicraft, u Domestic Science u thalla barra Human Biology. Ir-rikorrent sostna li dan sar biex jghinu lil haddiehor.

Il-problema ta’ dan it-Tribunal f’kaz bhal dan hija jekk tali ilment huwiex ta’ kompetenza tieghu ***ratione materiae.*** Infatti mhux kull ingustizzja hija sanzjonabbli mill-Kap 394. It-Tribunal kellu diversi okkazzjonijiet fejn ezamina l-kompetenza tieghu ***ratione materiae*** u sejjer jikkwota mill-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta’ Dicembru, 1999, fejn it-Tribunal qal:

“Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid….

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta'

xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…” Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..” u ghalhekk il-legislatur f’dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta’ portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

“Ubi lex voluit dixit”. Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta’ ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecieda fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta' impieg** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta' hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**,.."

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' **rekwiziti ghal biex wiehed jattendi course.** Dawn ma jissemmew imkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew

impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi; lanqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dhul fl-impieg. Certament ma humiex licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi. Huwa veru li l-intenzjoni tar-rikorrent li jattendi l-course kienet l-eventwali promozzjoni ossia hatra izda dan mhux sufficjenti biex jirrendi l-kaz wiehed li jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal. Ghalhekk ma jaqghux fil-kompetenza tat-Tribunal, u t-Tribunal jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione materiae*** li jiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------